Il-Lehma Wara l-Marċ Funebri (It-Tieni Parti)

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fl-ewwel parti tal-artiklu tiegħi, 'Il-Lehma Wara l-Marċ Funebri' li deher fil-fuljett 'In Hoc Signo Vinces' f'pp.7 u 10-12 ta' sentejn ilu kont tkellimt dwar il-ħakma lehmiena wara x-xogħlijiet ta' ġganti Barokki fosthom, Purcell u Handel, u l-mużika Klassika ta' Beethoven. Ix-xogħlijiet imsemmija f'dal-artiklu joqogħdu ferm tajjeb f'xi programm għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa. Għal dis-sena ħsibt ukoll li nkompli nintroduċikom ma' oħrajn, did-darba mir-repertorju Romantiku, fejn se nlaqqagħkom ma' xi xogħlijiet tal-istess xeħta minn kompożituri famużi bħalm'huma Berlioz, Chopin u Grieg.

Kliem muftieħ: Hector Berlioz, Frédéric François Chopin, Edvard Grieg, Rikard Nordraak, Għaqda Każini tal-Banda, University of Malta 'G.F. Abela' Junior College, Għaqda Mużikali Sant'Anna (Wied il-Għajn)


l-awtur ta' 'Tristia' Op.18

Nibda b'xogħol tal-kompożitur Franċiż tal-era Romantika bikrija, Hector Berlioz (1803-69), bl-isem ta' *Tristia* Op.18, li jikkonsisti f'xogħol fi tliet movimenti qosra għal kor u orkestra. Dax-xogħol m'għandu x'jaqsam xejn ħlief fl-isem mal-ġabra ta' poeżiji bil-Latin t'Ovidju (43 q.K.-17/18 w.K.) tal-poeta Ruman tal-qedem fl-eżilju; il-kelma *tristia* tfisser 'ħwejjeġ ta' swied il-qalb.' Jerġa' dat-tliet movimenti nkitbu f'iżmna differenti, u kien biss għal nofs is-seklu dsatax li ġew mitbugħin flimkien. F'moħħu, Berlioz assoċjahom ma' wieħed mid-drammi favoriti tiegħu ta' Shakespeare: *Hamlet*. Ix-xogħol qatt ma ndaqq f'ħajtu.

L-ewwel moviment jġib l-isem ta' *Méditation religieuse* fuq versi tal-poeta Irlandiż Thomas Moore (1779 – 1852), u miġjub għall-Franċiż mill-kittieba Louise Belloc (1796 – 1881). Ix-xogħol għal kor b'sitt vuċijiet u orkestra mdaqqsa nkiteb fl-1831 meta Berlioz kien għadu student tal-mużika f'Villa Medici f'Ruma wara li rebaħ borża ta' studju mill-Gvern Franċiż. (Għad li l-*Grand Prix de Rome* hu miftuħ biss għal Franċiżi, insibu li l-kompożitur Malti Mro Paolino Vassallo [1856-1923] kien irnexxielu jirbħu meta kien student fil-konservatorju rjali ġewwa Pariġi. Huwa studja taħt Massenet u Gounod. Iżda skont Mro Carmelo Pace[1]: "peress li kien patrijott u ma riedx jibdel is-sudditanza, ma setax igawdi l-frott tal-premju.")


Karikatura ta' Hector Berlioz qed jidderieġi orkestra kbira

It-tieni moviment - *La mort d'Ophélie* – ġie mmużikat fuq ballata tad-drammaturgu Franċiż Ernest Legouvé (1807-1903); imsejsa fuq ir-rakkont ta' Gertrude dwar l-għarqa t'Ophelia fir-raba' Att tad-dramm Shakespearjan. Meta kitibha fl-1842, din kienet għal vuċi u pjanu biss. Iżda sitt snin wara, Berlioz, li kien magħruf għall-ħila kbira tiegħu fl-orkestrazzjoni, kompla żied fuqha biex setgħet titgħanna minn kor tan-nisa għall-akkumpanjament tal-orkestra.

Imma l-aktar importanti għalina hawnhekk huwa t-tielet moviment: *Marche funèbre pour la dernière scène d'Hamlet*, peress li jikkonsisti litteralment f'marċ funebri li suppost kellu jindaqq waqt rappreżentazzjoni tad-dramm fl-Odéon Theatre. Din iżda qatt ma ittellgħet. Infatti, Berlioz ma kellux ix-xorti li jisimgħu jindaqq fil-bqija ta' ħajtu. U għad li l-partitura orkestrali ġġib id-data tat-22 ta'

[1] "Taħditiet Mużikali għal Kulħadd" (Allied Malta Newspapers Ltd., 1946).

Settembru 1848, dax-xogħol aktarx li kitbu daqs erba' snin qabel; id-data hi ta' meta rreveda x-xogħol. Jibqa' l-fatt iżda, li dal-marċ funebru hu l-aktar famuż minnhom it-tlieta.

Forsi wħud mill-marċi funebri l-aktar magħrufin li qatt inkitbu huma dawk li nsibu fix-xogħlijiet pjanistiċi ta' Frédéric François Chopin (1810-49), li barra li kien pjanista ċelebri – tant li aħna nsibuh bħala il-poeta tal-pjanu – kien ukoll kompożitur t'għadd kbir ta' bċejjeċ mużikali għal dal-istrument. Fost dawn insemmu biss il-*Marche funèbre* in Do Minuri, Op.72b u l-famuż marċ funebri l-ieħor in Si*b* Minuri li jifforma t-tielet moviment tat-tieni sonata f'erba' movimenti għall-pjanu Op.35. Aħna se nitkellmu l-aktar fuq dan tal-aħħar.

Iżda qabelxejn tajjeb ngħidu li Chopin, bħala wieħed mill-kompożituri li ġew fl-eqqel tal-Romantiċiżmu, kellu mħabba tal-ġenn lejn art twelidu – il-Polonja. Infatti, f'waħda mit-taħditiet mużikali ppubblikati ta' Pace insibu li: "Kważi x-xogħol kollu tiegħu [ta' Chopin] hu kkulurit bis-sogħba li ħass għall-isfortunat pajjiżu."[2] Barra minn hekk, Chopin kien dejjem jindiehes u jitħabbeb mal-kittieba u pitturi ta' żmienu, bil-konsegwenza li xogħlijietu huma mimlijin poeżija u kwadri mistħajla ta' sbuħija liema bħalha. Fost il-ħbieb tal-qalba, saħansitra nsibu liċ-ċelebri pittur Franċiż Eugène Delacroix (1798-1863), li fil-funeral ta' Chopin kien wieħed mis-sitta li żammew il-faldrappa waqt il-funeral tiegħu. Chopin indifen fiċ-ċimiterju *Père Lachaise* ta' Pariġi.


Chopin qed jikkomponi l-marċ funebru fuq il-pjanu

Il-marċ funebri li qed nitkellmu fuqu nkiteb daqs sentejn qabel il-bqija tax-xogħol; fuq il-manuskritt eżistenti tat-triju, Chopin kien niżżel id-data tat-28 ta' Marzu 1837, proprju lejlet l-anniversarju li fih faqqgħet ir-Rewwixta Novembrina fil-Polonja. F'Pariġi, il-komunità Pollakka kienet tiċċelebra l-anniversarji nazzjonali u reliġjużi minn jum qabel, u li fihom Chopin aktarx li kien jimprovizza fuq il-pjanu biex jikkommemorahom. Id-data msemmija hi għalhekk ta' ċertu importanza storika għax tixhed li l-kitba ta' dal-marċ għandha għeruq patrijottiċi. U għad li f'repertorju pjanistiku s-sonata tista' dejjem tindaqq sħiħa, huwa biss it-tielet moviment li l-aktar jiġi eżegwit. B'hekk, il-marċ funebru rabba popolarità ferm kbira fejn jidħlu imwiet u funerali statali, bħal fil-każ ta' John F. Kennedy (1963), Sir Winston Chuchill (1965) u Margaret Thatcher (2013). Indaqq ukoll waqt l-aħħar ċerimonja ta' Leonid Brezhnev (1982).

Tant hu popolari dal-marċ funebri, li kważi lanqas hemm għalfejn wieħed joqgħod jiddeskrivih. Madankollu, hawn xorta waħda ħa nagħmel analiżi ħafifa fuqu għall-benefiċċju tal-qarrej. L-ewwel parti tiegħu (in Si*b* Minuri) hi mimlija passjoni; il-melodija solenni u erojka timxi fuq serje t'akkordji mtaqqlin fir-reġistru l-baxx tal-pjanu, donnhom qniepen waqt xi mota tal-mejtin. Dan kollu joħloq atmosfera mill-aktar serja u eleġijaka.

Iżda fit-tieni parti tiegħu, ħabta u sabta l-burdata teqleb minn waħda mill-aktar imsewda għal oħra bil-wisq wenniesa; b'passaġġ li għandu minn taħnina mill-iżjed kalma, u mogħni b'melodija u armonija tabilħaqq sempliċi. Dan kollu jġib miegħu sens ta' faraġ qawwi li jhenni 'l qalb, tant li għal waqt wieħed biss, inessina mill-preżenza tal-mewt li hemm titlajja wara kull battuta ta' dal-moviment. Iżda dlonk terġa' lura t-tema ta' qabel u kull xaqq ta' tama jisfa fix-xejn, bl-aħħar battuti jħallu lis-semmiegħ b'xejn għajr it-toqol tas-skiet.

It-tielet parti tifforma t-triju tal-marċ u hi in Re*b* Maġġuri. U għall-kuntrarju ta' kull mistenni, Chopin hawn itina melodija sempliċi u bla ħjiena li ma tafx tiddefendi lilha nnifisha. Iżda għad li tinstema'

[2] Idem.

qisha tat-tfal, fiha laqta t'ironija, anki jekk fl-istess waqt toffri sens ta' mogħdrija. Fuq kollox, il-marċ ma kitbux biex jesprimi n-niket tiegħu għat-telfa ta' xi ħadd li kien jaf, imma biex jesprimi ħsusu dwar l-indipendenza mitlufa tal-għażiża art twelidu li kien tant iħobb. Tant hu hekk, li fi tmiem it-triju nsibu l-koda li fiha tirritorna l-mużika tal-marċ; f'kemm trodd salib, minn sempliċi tfesfisa fil-widnejn tispiċċa f'għajta li ttarrax – minn lament sieket għal protesta u rivolta.



Frontispizju tal-partitura tal-marċ funebru ta' Grieg

Fil-każ tal-marċ funebri l-ieħor tal-kompożitur Romantiku Noverġiż Edvard Grieg (1843-1907), in-noti kiebja tiegħu kienu ispirati mill-mewt għall-għarrieda tal-ħabib u sieħeb tiegħu Rikard Nordraak (1842-1866), li miet qasir il-għomor fl-età ta' 23 sena, waqt li kienu sejrin fuq vjaġġ tagħhom lejn l-Italja. F'pajjiżhom, huma kienu waqqfu Soċjetà għall-eżekuzzjoni tal-mużika Skandinava ispirata minn sentiment patrijottiku billi f'xogħlijiethom bdew idaħħlu "ż-żfin t'arthom u l-għana jew kanzunetti, kif ukoll melodiji ritmiċi, karatteristiċi t'art twelidhom."[3] Min qatt ma sema' bid-danzi u l-arji Noverġiżi, il-*Peer Gynt*, u l-bqija tal-mużika kampanjola ta' Grieg? U min qatt ma sema' bl-innu nazzjonali Norveġiż, *Ja, vi elsker dette landet,* li Nordraak kiteb fuq versi ta' kuġinuh stess, il-poeta Bjørnstjerne Bjørnson (1832-1910), u l-*iScherzo Capriccio* għall-pjanu li fih daħħal diversi karatteristiċi mill-għana folkloristika ta' pajjiżu?


Grieg (1843-1907), l-awtur ta' Sørgenmarch f'ġieħ Rikard Nordrąk

Għal dil-aħbar kerha tal-mewt ta' sieħbu, Grieg mar mill-ewwel fuq il-pjanu u kkompona dal-marċ funebri fl-istil inimitabbli tiegħu, fejn il-parti fustanija hi mibnija fuq għanja folkoristika Noverġiża. Il-marċ in La Minuri jiftaħ bil-mod kemm jinstema' u b'pass meqjus, imma fis jibda jżid f'qawwietu sal-punt li l-mużika tibda tisfida u timla l-qalb bid-diqa. (Minn daqshekk, il-mużika hawn għandha xi ħjiel mill-*Grande Symphonie funèbre et triomphale* Op.15 ta' Berlioz.) Minn hemm, il-marċ inin mill-ġdid u l-mużika tmur għall-parti l-oħra in La Maġġuri li semmejna, bl-ewwel sitt battuti jinsġu l-għana ħelu ta' pajjiżu, segwiti minn erbgħa oħrajn imdaqqa bil-qawwi ħafna bħallikieku jridu jfixklu l-ħsieb ewlieni. Wara dan, il-mużika tmur ħabta u sabta għal-lament li jmiss, iżda li ma jtulx aktar minn tmien battuti, fejn il-melodija prinċipali hi mmarkata daqslikieku qed titgħanna (*il canto marcato*). Dan iwassalna lura għall-parti mdallma u misterjuża li konna bdejna biha, bil-mużika terġa' tibda tiela' sa ma tfur bir-rabja, u dlonk tnaqqas minn qawwietha sa ma tgħib fix-xejn bl-aħħar rollijiet imbegħdin tat-tanbur.

Grieg kien għamel xi traskrizzjonijiet tiegħu għal kor tar-ram, kif ukoll għall-banda, filwaqt li trasponieh in Si*b* Minuri; liema tonalità hi l-istess waħda li nsibu fil-marċ funebri li semmejna ta' Chopin. Mhux biss, iżda ried li jindaqq għall-funeral tiegħu stess. Iżda ġara li f'mewtu ma kienx hemm banda disponibbli li setgħet iddoqqulu. Kien hawn fejn daħal Johan Halvorsen (1864-1935) – kompożitur ieħor rinomat Noverġiż – li ttraskrivieh għal orkestra sinfonika biex seta' jindaqq xorta waħda skont xewqet il-mejjet Grieg.

Dal-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Skalin fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Sant'Anna li ta' kull sena tiġi solennement iċċelebrata fir-raħal marittmu ta' Wied il-Għajn.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)

[3] Idem.